Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 296/ 2017

Il-Pulizija

(Spettur Carmelo Magri, Spettur Christopher Pullicino, Spettur Arthur Mercieca)

Vs

Ahmed El Fadali Enan

Illum 20 ta' Settembru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli fit-12 ta' Frar 2006, għall-ħabta tat-3:30 ta' wara nofsinhar u fix-xhur ta' qabel din id-data, f'dawn il-Gżejjer:

(1) rrenda ruħu kompliċi f'delitt u ċioe fil-ħarba tal-priġunier bl-isem Belgacem Merabet mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin liema ħarba saret bi ksur tal-post imsemmi u dan billi b'xi mod li jkun, xjentement għin jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ġie ppreparat jew ikkunsmat, jew xewwex lill-imsemmi Belgacem Merabet inkella saħħaħlu l-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdu li wara l-fatt jassistiħ jew jieqaf miegħu.

(2) Talli fl-istess dati u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, assoċja ruħu ma persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f' Malta li għaliħ hemm il-piena ta' priġunerija.

(3) Talli fit-12 ta' Frar, 2006 u fix-xhur ta' qabel din id-data fil-Fgura u fi bnadi oħra f'dawn il-Ġżejjer kellu fil-pussess u/jew taħt il-kontroll tiegħu munizzjon mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(4) Talli fl-istess data u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer meta ġie fil-pussess ta' munizzjon xort' oħra milli mill-liċenzja, naqas li minnufiħ jagħti l-avviż tiegħu lil- Kummissarju tal-Pulizija biex jordna jekk dak il-munizzjon għandux jinżamm taħt idejn il-Pulizija jew taħt idejn il-persuna li tat l-avviż.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-21 ta' Ġunju 2017, li biha, sabet lill-appellant ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu u wara li rat l-artikoli 152 et sequitur tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u kkunsidrat li dan il-każ beda fil-12 ta Frar 2006 u li l-imputat ma kellux każijiet oħra fejn xellef dufrejgh mal-ġustizzja, ikkundannatu għal sentejn priġunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġew sospiżi għal erba' snin.

Rat ir-rikors tal-imputat Ahmed El Fadali Enan minnu ppreżentat fit-3 ta' Lulju 2018 li bih talab lil din il-Qorti tannulla s-sentenza appellata jew alternattivament tvarja s-sentenza appellata fl-ismijiet premessi fis-sens illi tikkonfermaha in kwantu sabitu ħati tat-tielet u tar-raba akkużi filwaqt li tħassarha u tirrevokaha inkwantu sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni akkuża u teħilsu u tilliberaħ minnhom, jew alternattivament illi tbiddel u tirriforma s-sentenża appellata in kwantu l-piena inflitta ta' sentenża sospiża tiġi mibdula f'dik ta' multa.

Rat is-sentenza preliminari tat-28 ta' Frar 2018 li permeżż tagħha gie milqugh l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant, u għaldaqstant is-sentenza appellata giet

dikjarata nulla u bla effett skont il-ligi, u wara li rat l-artikolu 428(3) tal-Kodiċi Kriminali, din il-Qorti ordnat illi l-każ jiġi trattat mill-ġdid fil-mertu bl-aggravji tal-appellant jiġu kkunsidrati bħala sottomissjonijiet in difeża.

Rat il-verbal tal-31 ta' Mejju 2018 fejn il-partijiet irremettew ruħhom għall-atti tal-kawża u straħu fuq il-provi u d-dokumenti hemm miġbura u fejn semgħet s-sottomissjonijiet ulterjuri tagħhom.

Fliet l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi sorvolat l-ewwel aggravju sollevat mill-appellant fejn il-pregudizzjali dwar in-nullita tas-sentenza appellata giet milqugha, din il-Qorti ser tghaddi biex titratta mill-gdid il-kaz u dan wara li l-partijiet irrimettew rwiehom ghall-atti processwali kif ikkumpilati quddiem l-Ewwel Qorti u iddikjaraw li ma kellhomx provi ohra x'iressqu.

L-appellant jinsab mixli b'mod ewlieni bil-kompliċita u l-assoċazzjoni fil-kummissjoni tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali u dan kif rifless fin-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali li jabbina r-reat li jitkellem dwaru l-artikolu 152 ma' dawk tal-komplicita mahsub fl-artikolu 42 u tal-kongura kif ikkontemplat fl-artikolu 48A introdott mill-legislatur permezz ta'l-Att III tal-2002. Illi qabel kull konsiderazzjoni dwar il-fatti specje ta' dan il-kaz, ghandu jigi ippuntwalizzat allura illi l-appellant, illi quddiem din il-Qorti ser jigi iggudikat mill-gdid, jinsab mixli mhux biss fil-vesti tieghu bhala komplici u allura illi ghamel xi att mahsub fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali, izda fi-tieni akkuza huwa jigi akkuzat ukoll bir-reat tal-assocjazzjoni fejn l-att materjali jikkonsisti mhux daqstant fit-twettiq tar-reat li dwaru sar l-assocjazzjoni, izda fil-ftehim bejn tnejn jew aktar minn nies bil-ghan li jigi kommess delitt anke jekk dak id-delitt finalment qatt ma jigi mwettaq ghal xi raguni jew ohra. Il-ftehim fih innifsu allura iwassal ghal

konsumazzjoni tar-reat. Illi il-hsieb tal-legislatur wara l-introduzzjoni ta' din id-disposizzjoni il-gdida tal-ligi gie imfisser hekk:

> **"B'din il-liġi qegħdin ukoll nintroduċu kunċett kompletament ġdid, ir-reat tal-konġura jew ta' l-assoċjazzjoni. ......għall-ewwel darba, il-fatt li wieħed jiftiehem biex jikkommetti reat se jkun meqjus bħala reat. Fil-fatt fil-*white paper* din il-klawsola kellha t-titlu ta' "konġura", liema titlu issa nbidel għal "assoċjazzjoni". Sal-lum il-liġi ma kenitx tqis il-konġura bħala reat ħlief f'każ ta' delitt kontra l-Istat, bħal fil-każ ta' tradiment ta' l-Istat jew kolp ta' stat. Iktar tard, il-konġura bdiet titqies bħala reat fil-każi ta' traffikar ta' droga. Jiġifieri l-konġura kienet aċċettata bħala reat f'dawn l-eċċezzjonijiet biss, Sur President**
>
> **Kif inhi l-liġi sal-lum, jekk żewġ persuni jiltaqgħu biex jiftiehmu dwar kif se jwettqu *hold-up* f'bank, jagħmlu pjan, iqassmu x-xogħol, jiftehmu bl-iktar mod ċar u dettaljat u jinqabdu mill-pulizija f'dak l-istadju - jiġifieri meta ma jkunu għadhom għamlu xejn ħlief li ftehmu - ma jiġux meqjusa bħala li wettqu reat. Jekk fil-pussess tagħhom jinstabu armi illegali, allura jitressqu l-qorti akkużati b'pussess ta' armi illegali pero' ma jitressqux għall-fatt li jkunu nqabdu jiftehmu biex iwettqu reat. Jekk pero' ikun hemm il-bidu ta' l-esekuzzjoni ta' l-att - per eżempju, il-kriminali jkunu f'vettura, waslu ħdejn il-bank, niżlu fuq il-bankina u lestew l-armi biex jidħlu – fejn allura l-intenzjoni ma baqgħetx biss ftehim fuq il-karta imma bdiet tiġi attwata, f'dak il-każ ikunu akkużati b'attentat ta' *hold-up* fuq bank. Pero' minkejja li l-kriminali jkunu ftehmu fid-dettal dwar ir-reat, il-fatti kollha preċedenti għall-attentat ma jiġux meqjusa bħala reat. Issa hekk kif dan l-abbozz ta' liġi jiġi fis-seħħ, il-konġura se tibda titqies bħala reat kriminali.**
>
> **Meta xi sura ta' azzjoni għat-twettiq ta' reat tkun ippjanata jew miftehma, dik se tibda titqies bħala reat. Dan dejjem jekk il-pulizija jkollha prova ċara li żewġ persuni jkunu ltaqgħu u ftehemu biex iwettqu reat, għax wieħed jista' faċilment jaqbad u jakkuża żewġ persuni bi ftehim dwar twettiq ta' reat meta dan ma jkunx minnu, Sur President[1]."**

Dan qed jinghad ghaliex il-Prosekuzzjoni apparti x-xiehda tal-persuna li ikkomettiet il-harba mill-habs u cioe' Belgacem Merabet, tressaq provi illi jindikaw illi seta' kien sar ftehim bejn l-appellant u din il-persuna u dan permezz tar-registrazzjoni telefonika li saret gewwa l-Habs bejn dawn it-tnejn minn nies fil-jiem li pprecedew il-harba. L-appellant minn naha tieghu ma jichadx illi din it-telefonata sehhet u ma

[1] Seduta numru 569 tad-disgha Legislatura tal-Parlament ta' Malta dibattitu tal-04 ta' Lulju 2001

jichadx lanqas illi Merabet kien infurmah illi huwa kien bi hsiebu jahrab mid-detenzjoni, izda jichad illi dan b'xi mod kien miftiehem mieghu biex jassistieh fil-kummissjoni ta' dan ir-reat.

Illi x-xhud li jipponta subghajh lejn l-appellant huwa Belgacem Merabet il-persuna mahruba li d-difiza tikkontesta l-kredibbilta' tiegħu. Għal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba akkużi, l-eżitu tagħhom mill-ewwel Qorti ma ġiex ikkontestat f'dan l-appell u għaldaqstant din il-Qorti mhijiex ser tiddisturba l-apprezzament li għamlet l-ewwel Qorti dwarhom fejn essenzjalment sabet ħtija fil-konfront tal-appellant.

Illi din il-Qorti ezaminat mill-gdid l-atti processwali u partikolarment l-provi tal-prosekuzzjoni fir-rigward tal-ewwel żewġ akkużi miġjuba kontra l-appellant. Illi mix-xiehda tal-ufficjali investigattivi f'dan il-kaz u cioe' l-Ex Spettur tal-pulizija Christopher Pullicino kif ukoll illum Deputat Kummissarju Carmelo Magri, dak iż-żmien Spettur, ghandu johrog illi dak li wassalhom sabiex jixlu lill-appellant bl-akkuzi odjerni kien dak mistqarr lilhom minn Belgacem Merabet li kienet il-persuna li ħarbet mill-ħabs, allegatament bl-assistenza tal-appellant, kif ukoll l-interċetazzjonijiet telefoniċi li saru fuq il-linja telefonika tal-ħabs fejn jidher li kien hemm komunikazzjoni bejn Merabet u l-appellant. Minn dawn l-intercettazzjonijiet johrog il-ftehim bejn Merabet u l-appellant dwar il-mezzi li kellhom jigu adoperati sabiex il-prigunier jahrab mill-habs. B'mod specjali jirrizulta minn dawn il-konversazzjonijiet telefonici l-assistenza li kellha tiġi pprovduta lil Merabet wara li hu effettivament jabskondi mill-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin. L-appellant meta jigi interrogat ghall-ewwel darba jichad kull involviment f'din il-harba. Izda konfrontat bir-reġistrazzjonijiet telefoniċi, huwa ibbidel il-verżjoni tiegħu ghalkemm jibqa' jisħaqq li finalment hu ma kienx assista lil Merabet bil-mod miftiehem.

Illi ukoll mid-dokumenti ezebiti fosthom *notebook* li ġie elevat mingħand Merabet, instabu numri telefoniċi li kienu jappartjenu lill-akkużat u dwar liema numri ma jidhirx li hemm xi kontestazzjoni mid-difiża illi dawn in-numri jappartjenu lill-

appellant[2]. In oltre ġew eżebiti erba' mowbajls, elevati minn fuq il-persuna tal-appellant, u liema ċellulari ġew sussegwentement analiżżati mill-espert Joe Vella li rrediġa r-rapport tiegħu f'dan ir-rigward u liema rapport jinstab inserit in atti u mmarkat bħala Dok JV1[3].

Abbinat ma' dawn il-provi, imbaghad giet esebieta r-reġistrazzjoni tat-telefoanti li saru mill-ħabs minn Merabet fil-ġimgħat qabel il-ħarba, fejn infatti jirriżultaw telefonati mal-appellant fost persuni oħra, u liema CD ġie traskritt u tradott mill-interpretu maħtur Gelal Belaama li filfatt irrediġa r-rapport tiegħu immarkat bħala Dok CM14[4]. Mix-xiehda tar-rappreżentanti ta' kumpaniji tal-linji telefoniċi ġie kkonfermat illi n-numru 21802129 li huwa numru reġistrat lil *card phone* ġewwa l-ħabs, għamel ħames telefonati lin-numru 79907734 li hija waħda mill-linji tal-akkużat, u liema kjamati saru bejn it-2 u l-10 ta' Frar 2006[5] u ċioe jumejn qabel il-ħarba ta' Belgacem, u dan apparti informazzjoni oħra li ġiet ipprovduta dejjem in konnessjoni man-numri 79907734 u 99452265, entrambe assoċjati mal-appellant.

Illi apparti xhieda oħra li jagħmlu referenza għall-ħarba li seħħet mill-ħabs u l-mod ta' kif din saret kif ukoll l-arrest ta' Merabet minn ħdejn il-Gallerija fil-Fgura wara li hu ħarab mill-ħabs, hemm ix-xiehda ta' Belgacem Merabet li hija l-persuna li ħarbet mill-ħabs u li mplikat lill-appellant bħala l-kompliċi tiegħu f'din il-ħarba. Hu jixhed il-Qorti f'iktar minn okkazzjoni waħda senjatament fis-27 ta' April 2006[6] u fis-16 ta' Novembru 2007[7]. L-appellant jikkontesta l-kredibbilita ta' dan ix-xhud u dan billi wera inkonsistenza dwar l-involviment tieghu f'din il-ħarba. Illi fl-ewwel testimonjanza tiegħu *viva voce* quddiem il-Qorti, Merabet jimplika lill-appellant sat-telefonati li saru bejniethom iżda jgħid li ma kienx l-appellant li kien mar għaliħ bil-vettura u li kien taħ xi ħaġa zgħira tal-flus biex jassistieħ. Igħid x-xhud li kien ikkomunika ma ħuħ ġewwa l-Algerija sabiex jgħinu biex isiblu persuna biex

[2] Ix-Xhieda tal-Ex Spettur Carmelo Magri a folio 141 et seq tal-atti proċesswali liema notebook jinstab immarkat bħala Dok CM13 (folio 143).
[3] Folio 225 et seq.
[4] Folio 204 et seq.
[5] Xhieda ta' Charmaine Galea Triganza (folio 245 – 247) – Rapp. Maltacom.
[6] Folio 145 et seq.
[7] Folio 311 et seq.

tassistieħ fil-ħarba tiegħu hawn Malta, fejn allegatament kien qabdu mal-appellant li kellu jassistieħ wara li jahrab mill-ħabs. Jichad izda dak li stqarr fi stadju inizzjali tal-investigazzjonijiet illi huwa kien għaraf lil appellant bħala l-persuna li kienet assistieh wara l-harba u li kienet tatu xi flus u jistqarr illi filfatt din kienet persuna oħra ta' nazzjonalita' Għarbija li kienet tixbaħ lill-appellant u li hu kien fixkel mieghu meta mitlub jidentifikah. Madankollu meta dan ix-xhud xehed madwar sena wara, jistqarr li kien naqas milli jgħid il-verita' fl-aħħar deposizzjoni tiegħu għal dak li jirrigwarda l-involviment tal-appellant, fejn matul din id-deposizzjoni jisħaqq illi kien l-appellant li kien mar għaliħ b'vettura u ħallieħ ħdejn il-Gallerja fil-Fgura u kien anki taħ madwar tmintax il-Lira Maltin. Jgħid ukoll din id-darba li hu kien ġab in-numru tal-appellant minn persuna oħra li kienet il-ħabs u qal ukoll li kien l-appellant li kien ħajjru biex jaħrab mill-ħabs fejn l-appellant kellu jassistieħ sabiex jagħmel l-istess.

Illi l-appellant jichad dan kollu fix-xhieda tieghu fejn ghalkemm jikkonferma li Merabet kien ċempillu u kien qallu li ried jaħrab jinsisti izda li hu ma kellux x'jaqsam ma' din il-harba u ma offrielu l-ebda assistenza kif allegat mix-xhud. In oltre hu jallega li kien hemm persuna oħra li kienet qed tassisti lill-pulizija u li kienet fil-kumpanija tagħhom fil-mument meta hu ġie arrestat u li kien fil-fatt identifikaħ bħala l-persuna li kien involut. Illi meta Merabet xehed fis-16 ta' Novembru 2007 hu kien għadu kif ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu in konnessjoni ma dan il-każ u kien qed jistenna li tinghata sentenza fil-konfront tieghu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' dritt</u>**

Illi l-appellant jinsab akkuzat bil-komplicita fil-kummissjoni tar-reat mahsub fl-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali. Din il-Qorti tistqarr li tinsab perplessa kif l-Avukat Generali ghogbu jixli lill-appellant bir-reat mahsub fl-artikolu 152 li jitkellem dwar ir-reita' fil-persuna li tikkometti l-harba innifisha meta kien hemm reat iktar indikat u cioe' dak mahsub fl-artikolu 156 li jiddisponi hekk:

**Kull min, għad li ma jkunux lilu fdati l-kustodja, il-għassa jew it-trasport ta' arrestat jew ta' ikkundannat, igħin il-ħarba tiegħu jew ikun kompliċi fiha, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dawk li jkollhom dak l-inkarigu u li jkunu konniventi, imnaqqsa grad:**
**Iżda, fil-każijiet imsemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, il-ħati jeħel l-istess piena stabbilita għal dawk li jkollhom dak l-inkarigu u li jkunu konniventi.**

Il-Professur Mamo fin-noti tieghu dwar dan ir-reat fil-fatt jikkontendi illi l-awtur ta' dan ir-reat jikkonfigura fil-persuna tal-komplici li jaqa' fil-parametri imfassla fl-artikolu 42 tal-Kodici Kriminali. Ighid hekk dwar din id-disposizzjoni tal-ligi:

**"In fact the aiding and abetting of the escape on the part of any person not in charge of the custody etc is an offence <u>per se</u> and punishable even where the escape itself does not constitute an offence for the person escaping."**

Ighaddi biex jikkwota lir-Roberti:

**"La reita' dei terzi nella fuga dei detenuti e' una reita' principale, che puo' star da se independentamente da quella dei detenuti stessi che evadono e se vien denotata sotto il nome di <u>complicita'</u>, cio' deriva unicamente dal bisogno di esprimerla nei caratteri che la costituiscono e la rendono punibile agli occhi delle leggi. Trae dunque seco una pena a parte, che nella qualita' e nel suo grado viene indi a fissarsi alla base di quella che si era gia prescritto contro i custodi conniventi, diminuendosi bensi di un grado."**

Maghdud dan, madanakollu l-Avukat Generali ghogbu jixli lill-appellant bil-komplicita fir-reat mahsub fl-artikolu 152 tal-Kodici Kriminali u dan meta l-komplicita fil-harba ta' prigunier huwa kontemplat fil-ligi bhala reat *ad hoc* bl-istess regoli tal-komplicita' japplikaw ghall-awtur tieghu. L-uniku differenza tinsab biss fil-piena, billi f'dan ir-reat hemm piena ffissata ghaliha liema cirkostanza hija prevista fl-artikolu 43 tal-Kodici Kriminali.

Issa l-artikolu 42 jikkontempla l-komplicita fil-kummissjoni ta' reat meta ssehh xi wahda jew aktar mill-azzjonijiet mahsuba fis-subincizi ghal din id-disposizzjoni tal-ligi.

**42. Persuna titqies kompliċi f'delitt jekk hija –**

**(a) tkun tat ordni lil ħaddieħor biex jagħmel id-delitt; jew**

**(b) tkun ġielgħet li d-delitt isir b'mezz ta' rigali, wegħdiet, theddid, maniġġi, jew egħmil qarrieqi, inkella b'abbuż ta' awtorita' jew setgħa, inkella li tkun tat istruzzjonijiet biex isir id-delitt; jew**

**(c) tkun tat armi, għodod jew mezzi oħra li jkunu ġew użati fl-egħmil tad-delitt, meta kienet taf li kellhom hekk jiġu użati; jew**

**(d) għad li ma tkunx waħda mill-persuni msemmija fil-paragrafi (a),(b) u (c), b'xi mod li jkun, xjentement, tkun għenet jew assistiet lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt ikun ġie ippreparat jew ikkunsmat; jew**

**(e) tkun xewxet lil ħaddieħor inkella saħħet il-volonta' tiegħu sabiex jagħmel id-delitt, jew wegħdet li wara l-fatt tassistiħ, tieqaf miegħu jew tikkompensah.**

Illi skond il-Professur Sir Anthony Mamo, sabiex persuna titqies komplici l-aġir tagħha irid ikun volut

> **'with the purpose of assisting the perpetration of that offence...a defendant charged as an accomplice must be proved to have done something in furtherance of a common purpose i.e. he must procure, incite or, in some other way specified in the law, encourage or assist in the act done by the principal...In order that it may be said that a man has concurred in an offence committed by another, it is necessary that he should have done some effort for the offence to be committed so that a causal connection can be traced between such an effort and the commission of the offence.'**

Kwindi irid ikun hemm dak komunement indikat bħala l-'*common design*' bejn l-awtur u l-kompliċi u l-komportament tal-kompliċi irid ikun intenzjonat sabiex l-att kriminuz jirnexxi. In oltre l-Professur Mamo, jindika b'mod ċar li trid tirriżulta mill-inqas il-bidu tal-eżekuzzjoni tad-delitt miftiehem, mingħajr il-ħtieġa tal-konsumazzjoni intiera, fejn allura l-kompliċita tista tirriżulta ai fini ta' reati tentati skond id-dettami tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali.

Illi, mingħajr ma din il-Qorti tidħol f'dan l-istadju dwar jekk filfatt din l-allegazzjoni ġietx ippruvata sal-grad rikjest mill-liġi, dejjem skond dak li rriżulta mill-provi, l-azzjoni kommessa mill-appellant tista' tinkwadra ruħha f'dak dispost fis-subparagrafu (e) tal-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Fuq din il-kategorija ta'

kompliċita l-Professur Mamo, li jirreferi għaliha bħala forma ta' ***'moral participation'*,** jgħid illi f'din iċ-ċirkostanza:

> **'it is assumed that the idea to commit the crime is already conceived in the offender's mind, but he lacks courage to carry it into effect, and somebody else strengthens his will....as regards the promise of help to be given after the fact....if before the fact a promise is made of some help to be given after the fact, then that promise becomes a form of complicity because it encourages the author to perpetrate the offence....you cannot strenghten the resolution which another man has to commit an offence or give instructions as to how best another should commit an offence, unless you are aware that that offence is contemplated and you yourself desire that it be committed'[8].**

Illi a differenza tal-kompliċita', huwa ċar mid-diċitura tal-liġi li l-leġislatur fir-reat ta'assocjazzjoni mahsub fl-artikolu 48A tal-Kodici Kriminali[9] qiegħed, kif diga inghad iktar 'il fuq, jippenalizza l-ftehim bejn mill-inqas żewġ persuni bil-ħsieb li jikkomettu reat kriminali, liema pjan m'hemmx għalfejn ikun komplut sal-inqas dettal imma jrid ikun almenu beda jiġi fformulat, dejjem b'ghan kriminuz u bi ftehim bejn l-assoċjati. A differenza tal-kompliċita wkoll, m'hemmx għalfejn li l-att kriminuż ikun daħal fis-seħħ jew beda fl-eżekuzzjoni tiegħu li jkompli jsaħħaħ allura l-penalizazzjoni tal-ftehim innifsu iktar milli l-azzjonijiet magħmula in sostenn ta' dan ir-reat. Din id-distinzjoni ġiet ravviżata fis-sentenza Pulizija vs. Omissis, Lorita Pace fejn il-Qorti qalet:

> **'illi r-reat ta' assoċazzjoni bi skop ta' delittmhux biss taħt il-Kapitolu 31 u 101 iżda wkoll taħt il-Kodiċi Kriminali ex artikolu 48A huwa differenti minn dak ta' kompliċita' ravviżat fl-artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali. Fl-ewwel ipoteżi, ir-reat jista' jseħħ indipendentement minn jekk l-azzjoni kriminuża intentata seħħitx jew le filwaqt illi fil-kompliċita' jeħtieġ li r-reat miftiehem ikun seħħ jew twaqqaf minħabba xi ħaġa aċċidentali u ndipendenti mill-volonta' tal-prinċipal, ossia l-attentat.'[10]**

---

[8] Notes on Criminal Law – Professor A.J Mamo B.A. LL.D.

[9] *48A(1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f' Malta jew barra minnMatla bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għaliħ hemm piena ta' priġunerija, ikun ħati tar-reat ta' assoċazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.*

*(2) L-assoċazzjoni msemmija fis-subartikolu (1) tibda teżisti mill-waqt li fiħ xi sura ta' azzjoni tkun li tkun tiġi ppjanata jew miftiehma bejn dawk il-persuni.*

[10] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) – Imħallef Giovanni Grixti – datata s-27 t'a Frar 2017, Appell numru 293/14.

Dan ifisser allura illi ghalkemm il-harba setgħet ma seħħitx dan ir-reat seta' jissusisti sempliċiment bil-prova tal-ftehim innifsu ai fini ta' din il-ħarba.

**Ikkunsidrat,**

Illi kif diga inghad ix-xhud ewlieni tal-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz kien indubbjament il-mahrub innfisu, li madanakollu d-difiza tikkontesta l-kredibbilita tieghu. Illi għal dak li jirrigwarda l-kredibbilta' tax-xhieda, l-artikolu 638 tal-Kodiċi Kriminali jagħmilha ċara li filwaqt li huwa fid-dover tal-prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex il-grad tal-prova tal-prosekuzzjoni jintlaħaq b'suċċess, is-subartikolu (2) tal-istess artikolu jippostula li xhud wieħed waħdu jekk emnut huwa suffiċjenti. Ukoll relevanti ai fini tat-test tal-kredibbilta huwa l-artikolu 637 li jistipula li għal dak li jirrigwarda xhieda ta' eta' minuri, xhieda tal-imputat kif ukoll ix-xhieda ta' persuni li huma klassifikati taħt l-artikolu 636, fosthom persuni li jkollhom interess fil-kwistjoni li fuqha tkun meħtieġa x-xhieda tagħhom, jew fir-riżultat tal-kawża, *'id-deċiżjoni (dwar il-kredibbilta tagħhom) titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xhieda għandiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xhieda tiegħu, u jekk ix-xhieda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ...'*.

Issa ghalkemm din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti tisma' lil Merabet jixhed *viva voce*, madankollu ezaminat mill-gdid u bir-reqqa din it-testimonjanza li fil-fehma ta' din il-Qorti hija wahda ikkoraborrata diversi istanzi minnha. Ibda biex ix-xhud qatt ma jichad illi kien ghamel kuntatt ma'l-appellant, izda kien biss l-estent tal-involviment tal-istess appellant kif deskritta minn Merabet li ma baqghetx dejjem konsistenti. Għal dak li jirrigwarda l-konverzazzjonijiet telefoniċi dawn baqgħu ikkonfermati, izda dwar min instiga jew ħajjar il-ħarba ta' Merabet kif ukoll dwar min essenzjalment mar għal Merabet wara li hu ħarab appożitament sabiex jgħinu fil-ħarba tiegħu insibu diverġenzi fix-xhieda ta' l-imsemmi xhud. Il-Qorti madankollu kienet meghjuna mill-prova koroborrativa misjuba fil-kontenut tat-traskrizzjonijiet tal-interċetazzjonijiet telefoniċi li kien hemm mill-ħabs kif ukoll mix-xiehda ta'l-akkużat stess meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti.

Illi nfatti jekk wieħed iħares lejn l-interċetazzjonijiet telefoniċi, speċifikament lejn it-traskrizzjonijiet li saru tal-istess minn Gelal Belaama, u b'referenza għal dok BZ2 eżebit minn PS276 Bernard Zahra jirrizulta li hemm tmien kjamati b'kollox li ġew traskritti fejn fid-dokument BZ2 jinstabu it-telefonati li saru minn Merabet mit-telefon tal-ħabs lill-akkużat fuq in-numru 79907734 fl-10 ta' Frar 2006 għall-ħabta tal-ħdax u nofs ta' filgħodu, liema kjamati damu bejn wieħed u ieħor minuta u nofs u disgħa u erbgħin sekonda rispettivament[11], ghalkemm mill-*format* tat-traskrizzjonijiet magħmula, sfortunatament mhuwiex indikat b'mod speċifiku min qed ikellem lil min. Dan maghdud, huwa indubitat li l-konverżazzjoni sehhet bejn Merabet u bejn l-appellant u li filfatt kien Merabet li ċempel lill-appellant f'dawn il-kjamati partikolari u mhux bil-kontra u dan peress li ġie stabbilit mill-prosekuzzjoni li n-numru 79907734 huwa tal-appellant, liema fatt ma ġiex ikkontestat minnu. Illi imbaghad l-elenku indikat fid-dokument BZ2, jindika illi l-kjamata numru 4 x'aktarx hija l-kjamata li tikkonċerna lill-appellant, liema traskrizzjoni tinstab a folio 211 tal-atti proċesswali u dan anki in vista tal-kontenut tal-kjamati l-oħrajn li jidhru li huma ndirizzati lil persuna x'aktarx femminili u imparentata b'xi mod ma Merabet. Jirrizulta ukoll illi Merabet propjament jismu Mohamed MS Galoul kif jinsab kkonfermat a folio 138 tal-atti proċesswali. Dan qed jingħad in vista tal-fatt li matul din il-konverzazzjoni bejn Merabet u l-appellant, hemm referenza għall-isem Mohammed (*Mohamend*) fejn dan Mohammed, allura Merabet, qed jiġi ndirizzat mill-appellant biex b'hekk huwa facilment deducibbli d-diskors li sar minn kull wiehed mill-persuni involuti f'dawn it-telefonati. Dan il-fatt waħdu huwa importanti ferm sabiex jiġi stabbilit l-involviment tal-appellant o meno u l-*mens rea* li hu seta' kellu bħala assoċjat u/jew kompliċi f'dan ir-reat. Jidher ukoll li l-espert Belama jiddistingwi bejn persuna u oħra matul il-konverżazzjoni billi juża postilla għal persuna waħda u linja (*dash*) għal persuna l-oħra u kwindi il-Qorti tista tifhem il-modalita' tal-konverzazzjoni mill-persuni kkonċernati fiha.

Illi din il-Qorti ser tipproduċi testwalment din il-kjamata:

*Fourth call*

---

[11] Track 5 – 10/2/06 – 11:25.02 (1min 37sec); 10/2/06 – 11:27:57 (0.49sec) – folio 21.

**Hello ħabib kif int? Kollox sew.*

**Isma jekk Alla jrid il-Hadd jiġik Abdalkeder għal ħabta ta' satejn u nofs u tlieta*

**U importanti li tintaqa miegħu u triedu tkunu tnejn, wieħed jogħqod ħdejn il-Moskeja*

**U l'ieħor ħdejn ir-roundabout. Ir-round about ta' fuq jew t'isfel ma nafx, jekk bqajna ħajjin.*

*Tinqata l-linja*

*Hawn Muhamed*

*_Hu ħa jċempilli?*

**Iva u żgur ħa jċempillek.*

*_Hu waħdu jekk Alla jried?*

**Iva imma mbagħad tridu tkunu tnejn, wieħed jistenna din naħa u li ieħor jistenna niħa l-oħra.*

*_Ok nhar il-Ħadd?*

**Iva nhar il-Hadd għal x'tlieta ta' wara nofsinhar ok*

**Taf għall liema round about qed ngħid ok ħabib?*

*_Ok.*

**Isma għandikun għada inried wieħed min dak, ok ħabib.*

*_OK Bye.*[12]

Illi kwindi minn din il-kjamata jidher ċar li qed isir ftehim bejn żewġ persuni, waħda minnhom li x'aktarx jisimgħa Mohammed bħalma filfatt jismu Merabet, fejn il-persuna l-oħra allegatament l-appellant qiegħed jgħidlu li ser tmur persuna għaliħ dakinhar tal-Ħadd f'ċertu ħin u li kellhom jiltaqgħu ħdejn ir-*roundabout*. Issa mill-provi l-ohra jirrizulta illi l-ħarba saret nhar ta' Ħadd, għall-ħabta tat-tlieta ta' wara nofsinhar u li skond l-ewwel testimonjanza tiegħu il-Qorti, Merabet kien oriġinarjament miftiehem biex jiltaqa' mal-akkużat ħdejn ir-*roundabout* li tinsab vicin tal-Habs.

[12] Folio 211 tal-atti proċesswali.

Illi ukoll mir-rapport tal-espert Joe Vella kien hemm kjamata li saret mill-appellant fuq numru ċellulari ieħor dakinhar stess tal-ħarba, liema kjamata damet ħdax il-sekonda[13]. Merabet filfatt jikkonferma fit-tieni depożizzjoni tiegħu fil-Qorti li kellu mowbajl ċellulari waqt li kien il-ħabs allavolja ma jiftakarx in-numru x'kien. Jidher ukoll mir-rapport ta' Joe Vella li kien hemm komunikazzjoni konsiderevoli u regolari bejn Merabet u l-appellant sa minn Jannar tas-sena 2006 sa dakinhar stess tal-ħarba. Dan il-fatt waħdu jikkontradiċi dak li qal l-appellant fid-deposizzjoni tiegħu viva voce fejn donnu ried jagħti x'jifhem li filwaqt li kien jaf lil Merabet minn qabel peress li kien iltaqa' miegħu ma persuna oħra fis-sena 2005, ma kienux jafu lil xulxin daqstant. In oltre minn dak li rriżulta mit-traskrizzjoni tal-kjamata numru erbgħa li ġiet hawn fuq riprodotta, tirriżulta ċerta familjarita' bejniethom u in oltre jidher li filfatt l-appellant kien jaf li Merabet kien jismu Mohammed u dan qed jingħad in vista tar-referenza ta' isem l-istess Merabet f'din il-kjamata u in vista wkoll tal-fatt li skond l-appellant meta xehed, hu ddikjara li ma kienx jaf li Merabet kien filfatt jismu mod ieħor f'dak l-istadju.

Ikkunsidrat

Illi maghdud dan ghandu johrog minn dawn il-fatti probatorji illi jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha tistrieh fuq partijiet tax-xiehda ta' Merabet li baqgħu konsistenti kif imsahha mill-interċetazzjonijiet telefoniċi, jidher indubbjament illi kien hemm komunikazzjoni bejn Merabet u l-appellant. Kif inghad l-appellant f'ebda hin ma jikkontesta li saru dawn it-telefonati jew li l-linja telefonika in kwistjoni hija tiegħu. In oltre Merabet jikkonferma n-numri telefoniċi tal-appellant min-*notebook* li ġie ppreżentat in atti mill-Deputat Kummissjarju, dak iż-żmien Spettur Carmelo Magri, u dan matul it-tieni testimonjanza tiegħu fil-Qorti. Kwindi għal dak li jirrigwarda l-konferma tan-numri telefoniċi li kien juża l-appellant jidher li dawn ġew suffiċjentement ippruvati.

Stabbilit kwindi illi l-kuntatt telefoniku sehh, mill-kontenut tal-interċetazzjoni telefonika numru erbgħa huwa evidenti li qed isir ftehim bejn Merabet u l-appellant

[13] Annex 3 mir-rapport ta' Joe Vella – folio 234.

li huwa pertinenti għall-ħarba ta' Merabet. In oltre mill-kontenut ta' din il-konverżazzjoni jidher illi l-appellant effettivament kien qed jorganizza li persuna indikata bħala Abdulkeder tmur għal Merabet wara li dan ta' l-aħħar ikun ħarab mill-konfini tal-ħabs u dan minn ħdejn ir-*roundabout* viċin il-ħabs. Huwa minnu li għad-differenza ta' dak li stqarr Merabet fl-aħħar testimonjanza tiegħu, li mill-kontenut tal-interċetazzjonijiet ma jistax jiġi ppruvat li l-appellant effettivament kien mar hu personalment għal Merabet, iżda jidher li l-appellant kien qed jagħmel l-arranġamenti meħtieġa sabiex persuna oħra tiġbor li Merabet wara li hu jaħrab mill-ħabs. M'hemm l-ebda dubbju lanqas li dan l-inkontru ma kienx wieħed leġittimu peress li l-kjamata saret filwaqt li Merabet kien għadu l-ħabs, b'referenza wkoll għal ġurnata meta hu ser ikun għadu detenut u anki fid-dawl ta' dak li xehed PS1211 Richard Zammit[14]. Kwindi fil-fehma ta' din il-Qorti hemm bizzejjed provi lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni li jwasslu għar-responsabbilta' kriminali tal-appellant fl-ewwel akkuża u dan senjatament fid-dawl tal-esposizzjoni tas-subparagrafu (e) tal-artikolu 42 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi konsegwentement r-reat tal-assoċazzjoni, li fil-fatti speċi tal-każ huwa kompriż u nvolut fl-akkuża tal-kompliċita, u fejn huwa l-ftehim kriminuż li jħoll u jorbot kollox ai fini ta' reita', ukoll ġie ppruvat saċ-ċertezza morali u kwindi din il-Qorti hija tal-opinjoni li l-appellant għandu jinsab hati ta' din l-imputazzjoni wkoll.

Għal dak li jirrigwarda t-tielet u r-raba akkużi l-appellant mhux qed jikkontesta l-ħtija tiegħu f'dawn ir-reat u konsegwentement il-ġudizzju li sar fuqhom ser jiġi kkonfermat minn din il-Qorti.

Għal dawn il-motivi din il-Qorti taqta u tiddeciedi billi wara li rat l-artikoli 42(e), 48A, 152 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 3(1A) u 9 tal-Ordinanza dwar l-Armi (Kapitolu 66 tal-Liġijiet ta' Malta) issib lill-appellant hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, tikkundannah ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, liema perijodu ta' prigunerija b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigi sospiz ghal zmien sentejn mil-lum.

[14] Folio 133 tal-atti proċesswali.

Il-Qorti wissiet lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur